MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 144/2011/1

**MARK BUGEJA, MARTIN BONELLO COLE, AUSTIN DEMAJO u JOSEPH PULLICINO f'isimhom u fl-isem u fl-interess tad-ditta Grant Thornton u b'digriet tat-08 ta' Frar 2013, l-atti f'isem Martin Bonello Cole gew trasfuzi f'isem Carl Bonello Cole.**

**vs**

**MELLYORA GRECH**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-20 ta' Gunju 2012, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar it-2 ta' Mejju 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallshom is-somma ta' erbat elef, sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€ 4,658.75) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm 2,000) skond kif stipulat fl-artikolu 7.5 tal-kuntratt tal-impieg definittiv li hija iffirmat ma' l-istess ditta li jgib id-data 20 ta' Dicembru 2006 li kopja teighu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok A u dan stante li hija kisret il-kondizzjoni impost in virtu tal-artikolu hawn fuq imsemmi li ma timpjegax ruha fi zmien ta' mill-anqas sentejn mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt, ma' persuna, ditta jew socjeta' li ghal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel tali terminazzjoni kienu klijenti tad-ditta attrici. Illi kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza hija fil-fatt impjegat ruhha ma' entita' li kienet u ghadha klijenta tad-ditta attrici.*

*Illi ghalkemm hija giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficcjalment permezz ta' l-ittra ufficcjali datata 7 ta' Mejju 2009 hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra taghha.*

*Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-7 ta' Mejju 2009, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuta li giet prezentata fis-16 ta' Gunju 2011 fejn eccepiet:*

*"Illi l-Artikolu 7.5 tal-Kuntratt ta' Impieg de quo jikser id-disposizjoni tal-Att li jirregola l-Impiegi u r-Relazjonijiet Industrijali (Kap 452) generalment u l-Artikolu 19 u 42 senjatament u ghandu jigi ritenut null u bla effett.*

*Illi in oltre l-imsemmi Artikolu tal-kuntratt ta' impieg de quo kiser ukoll l-* ***Artikolu 985*** *tal-kodici Civili (Kap 16) u ghandu jigi ritenut null u bla effett.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess skond il-gurisprudenza nostrana restrizzjonijiet ta' l-attivitajiet ta' ex impjegati mill-employer li jkunu generici ghal zmien itwal minn dak regonevoli u li jkunu 'in restraint of trade' dejjem gew ritenuti invalidi u bla effett u ghalhekk ir-restrizzjoni imposta fuq l-eccipjenti mill-atturi u li jiffurmaw il-bazi tal-azzjoni odjerna ghandhom jigu ritenuti nulli u bla effett.*

*Illi subordinatament, il-Kuntratt ta' impieg de quo ghandu jigi interpretat contra proferentem stante li l-eccipjenti giet prezentata b'kuntratt li ma setghet tinnegozja ebda klawsola tieghu , sitwazzjoni li bl-ingliz tissejjah 'take it or leave it'.*
*Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez (inkluzi dik ta' l-ittra ufficcjali in risposta ghall-ittra ufficcjali tal-atturi tas-7 ta' Mejju) kontra l-atturi.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."*

*Illi nhar il-5 ta' Ottubru 2011 xehed l-attur* ***Mark Bugeja*** *u kkonferma li huwa wiehed mill-partners tas-socjeta' attrici Grant Thornton, wiehed mill-Audit partners inkarigat mill-Human Resources. Huwa ddikjara li l-konvenuta kienet kitbitilhom f'Novembru tas-sena 2004 u esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet markata bhala Dokument MB1 fejn talbithom jekk kienx hemm xi vacancy sabiex tidhol tahdem maghhom. Huwa kien wegibha u talabha tattendi ghall-interview fl-14 ta' Decembru tas-sena 2004. L-ghada tal-interview kien ghamlilha offerta biex tibda l-impieg taghha maghhom tramite e-mail li esebixxa u giet immarkata bhala dokument MB2. Dan ghamlu ghaliex hass li kien hemm lok biex jimpjegha. Naturalment l-offerta li ghamlilha kienet biex tikkunsidra u talabha kif jirrizulta mill-e-mail stess sabiex hija tibda l-impieg taghha fit-3 ta' Jannar 2005. Fl-e-mail hemm riassunt tal-offerta li kien ghamlilha dwar il-kundizzjonijiet li huma kienu lesti li joffrulha u jghid li flimkien ma' din l-e-mail kient baghtilha draft contract of employment sabiex hija tikkonsidra dan l-impieg serjament. Huwa qal illi kopja ta' dan il-kuntratt huwa diga esebit fl-atti bhala dokument A.*

*Ix-xhud tenna li dan id-draft esebit a fol. 3 huwa l-istess draft li huma baghtulha bl-e-mail, naturalment id-data biss inbidlet. Fil-15 ta' Dicembru hija kienet baghtitilhom e-mail li esebixxa u din giet immarkata bhala Dok MB3 fejn irringrazjathom tal-offerta li tawha u li kienet lesta li tibda tahdem maghhom fit-3 ta' Jannar 2005. Kienet talbithom wkoll sabiex jiltaqghu qabel ma tiffirma il-kuntratt relattiv. Ikkonferma li effettivament iltqaghu qabel it-3 ta' Jannar 2005 u appuntu fl-20 ta' Dicembru 2004 meta effettivament il-kuntratt in kwistjoni gie iffirmat. Ikkonferma illi l-*

*offerta taghhom kienet proposta u mhux minnu li kienet kwistjoni ta' take it or leave it u qal li l-fatt li hija wigbitu fi kwistjoni ta' ftit sieghat ta' l-istess jum li jindika li ma kellha l-ebda problema sabiex tibda l-impieg taghha maghhom.*

*Stqarr li l-kuntratt kien wiehed definittiv ghal sentejn pero' isir indefenit wara, jekk l-ebda parti ma' jkollha l-ebda oggezjoni ghal dan, fis-sens li taghti xi notice skond il-kundizjoni tal-kuntratt. Melljora Grech damet tahdem maghhom bejn wiehed u iehor ghal perjodu ta' tlett snin u nofs.*

*Fit-23 ta' Lulju 2008 kienet baghtitlu l-ittra ta' rizenja u esebixxa kopja taghha li giet immarkata bhala dokument MB4 u kif jirrizulta mill-istess ittra, kienet irringrazjathom tal-opportunita' li giet moghtija lilha. In segwitu sar jaf li effettivament hija kienet ser timpjega ruha mal-MFSA u minnufih gibdilha l-attenzjoni taghha li skont il-kuntratt taghha appuntu clause 7.5 hija ma seghtetx timpjega ruha ma' klijenti taghhom. Dan ghamlu permezz ta' ittra mibghuta lilha li giet markata bhal dokument MB5. Stqarr li qabel ma' baghatilha din l-ittra kien qal l-istess diskors b'mod verbali. Din l-ittra hija datata 3 ta' Ottubru 2008 u baghatilha reminder ohra li giet esebita u mmarkata bhala dokument MB6 datata 27 ta' Jannar 2009.*

*Spjega li l-klawsola 7.5 tal-kuntratt tipprovdi li impjegat mas-socjeta' Grant Thornton ma jistghax jimpjega ruhu ma' klijent ghal perjodu ta' sentejn wara li jkun ittermina l-impieg tieghu maghhom. Huma kienu ffissaw bhala pre liquidated damages is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) f'kaz ta' inadempjenza. Qal li l-MFSA ilha klijenta taghhom ghal zmien twil u ghadhom klijenti taghhom sal-lum kif jirrizulta minn tlett sets ta' accounts esebiti u mmarkati bhala dokument MB 7. Dawn id-dokumenti gew mehuda mill-website tal-MFSA.*

*Qal li huma jaghmlu din il-klawsola fil-kuntratt minhabba l-etika li ghandhom fil-professjoni taghhom. Qal li meta Melljora Grech bdiet tahdem maghhom kellhom manual maghruf bhala risk management manual, u dan fih certi affarijiet li huma importanti, li jirrigwardjaw li l-staff li jkun impjegat maghhom ghandhom ikun indipendenti u li ma' jkollhom l-ebda issue f'mohhhom li tista' timpedihom mill-indipendenza taghhom. Dan il-manual gie esebit u mmarkat bhala dokument MB8. Huwa esebixxa wkoll l-ircevuta li tindika illi Melljora Grech rat dan l-istess manual.*

*In segwitu dan il-manual kien gie replaced b'manual iehor u kopja tieghu kien inghata lilha, u l-konvenuta iffirmat ghalih. Huwa esebixxa kopja*

*kemm tal-manual kif ukoll id-dokument li hija ircevitu, li gew immarkati flimkien bhala dokument MB9. Huwa spjega li l-kundizjonijiet li hemm imsemmija fil-manual jorbtu l-klijenti taghhom kif ukoll lil-impjegati taghhom. L-istess impjegati huma obbligati li jsegwu il-code of ethics tal-Accountancy Board li llum qieghed parti mill-ligi bhala Accountancy professionals. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-code of ethics li juri dak li hemm reproduced fil-manual taghhom bullet 2.2 – 2.8 li huma underlined in blu. Dan gie esebit sabiex juri r-riskji li jkun hemm meta jkun hemm potential employment with clients u mill-extract tal-accountancy board code of ethics bullet 840 – 842 jirrizulta wkoll ir-riskji li d-ditta jkolla f'kaz li impjegat imur jahdem mal-klijent. Dan id-dokument gie immarkat bhala Dokument MB10.*

*Meta in segwitu sar jaf bic-cert li l-impjegata taghhom Melljora Grech bdiet tahdem mal-MFSA huma avvicinawha ghal darba ohra, kien kitbilha dik l-ittra li diga semma aktar 'l fuq. Huwa jiftakar li f'Marzu 2009 kien ircieva ittra minghand Dr Jesmond Manicaro ghan-nom tal-konvenuta. Sussegwentament fis-7 ta' Mejju 2009 pprezenta ittra ufficjali li pprommetta li jesebixxi kopja ta' din l-ittra wkoll fis-seduta sussegwenti. Mistoqsi jekk effettivament ircevewx risposta ghall-ittra ufficjali taghhom, wiegeb fl-affermattiv - li kienu rcevew u pprommetta li jesebiha wkoll fis-seduta sussegwenti.*

*Spjega li r-raguni li huma poggew din il-penali kien sabiex l-impjegati jkollhom deterrent akbar sabiex ma' jimpjegawx ruhhom ma' xi klijent minn taghhom. Mistoqsi jekk naqsux din is-somma minn xi paga dovuta lilha wiegeb fin-negattiv. Din is-somma hija dovuta lilhom fl-intier taghha. Spjega li Melljora Grech ma ghandha l-ebda pendenza maghhom ghar-rigward dak li hu salarju. Ir-restriction li huma ghamlu fil-kuntratt taghhom kien japplika biss naturalment ghall-klijenti taghhom u dan ghall-perjodu ta' sentejn minn wara li tittermina l-impieg taghha minn maghhom. Ghalhekk naturalment l-konvenuta ma kienetx impeduta milli timpjega ruha ma' xi kompetituri taghhom.*

***Mark Bugeja reggha** xehed nhar it-23 ta' Novembru 2011 fejn esebixxa tlett dokumenti. Spjega li l-ewwel dokument, immarkat Dokument MB10 huwa kopja ta' l-ittra li kien ircieva minghand Dr Manicaro, b'risposta ghall-ittra li huwa kien baghat lil Melljora Grech, liema risposta hija datata 13 ta' Marzu 2009.*
*Qal li huwa ma jaqbilx ma' dak li hemm miktub f'din l-istess ittra cioe' li Melljora Grech ma kienetx f'pozizzjoni li tinnegozja t-termini tal-kuntratt u*

*dan ghaliex il-kuntratt kien gie moghti lilha u haditu ghall-affarijiet taghha. Jinsisti li l-konvenuta qatt ma' talbet sabiex ikun hemm xi verifiki jew tibdil f'dan il-kuntratt u naturalment ma' ghamel l-ebda sforz fuqha biex tiffirma. Huwa esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument MB11, liema dokument huwa l-ittra ufficcjali li huma baghtu lil Melljora Grech wara li ircevew risposta minghand Dr Manicaro. Din l-ittra hija datata 7 ta' Mejju 2009. Ircevew risposta ghal din l-ittra ufficcjali li hija mmarkata bhala dokument MB12 datata 11 ta' Gunju 2009.*

*In kontro-ezami kkonferma li ma kien l-ebda negozjati fuq dan il-kuntratt. Sahaq li Melljora Grech qatt ma' ghamlet xi talba biex tbiddel xi kundizzjoni f'dan il-kuntratt. Huwa minnu li ma sarux negozjati fuq il-kuntratt ghaliex accettatu kif kien. Zied jghid li fil-fatt Melljora Grech kienet accettat il-proposta taghhom dak in-nhar stess li baghatulha l-kopja u cioe' fil-ghaxija stess ta' l-istess jum u dana minn rajha.*

*Mistoqsi jaf x'inhi restraint of trade qal li jaf u ma jaqbilx li l-klawsola 7.5 tal-kuntratt tammonta ghall-restraint of trade. Spjega illi s-socjeta' attrici hija ditta wahda minn hafna, il-klijenti taghhom huma ftit minn hafna, kif spjega fis-seduta precedenti u ghalhekk l-impjegati taghhom ghandhom minn fejn jaghzlu biex jahdmu u ma hemmx ghalfejn jahdmu mal-klijenti taghhom. Allura jekk hemm restrictions fuq dak il-ftit ma jarax li hemm restraint of trade ghaliex huma ghandhom frazzjoni zghira tas-suq. In oltre dawn il-kundizzjoniet huma mposti fuqhom mill-ligi stess. Ir-raguni mposta fi klawsola numru 7.5 gejja mill-ligi. Meta qal li din il-klawsola hija mposta mill-ligi jghid li hija naxxenti mill-Accounting Professional Act Act directive No 2 issued in terms of the Accountancy Professional Act Chapter 281*. *L-Accountancy Professional Act tobbliga l-accountants kollha biex issegwu l-code of ethics u l-code of ethics ma gietx copied and paste fil-ligi. Hemm Directive No 2 li tifforma parti mill-ligi. Jifhem li l-code of ethics taghhom hija imposta fuqhom mill-Ligi u jekk ma jsegwix il-code of ethics ikun qed jikser il-Ligi.*

*Tenna li kull rapport ikun iffirmat minnu jew minn partner iehor ghan-nom tas-socjeta' Grant Thornton u ghalhekk l-obbligu li x-xoghol isir skond il-code of ethics ma jkunx tieghu personali izda tas-socjeta' attrici Grant*

*Thornton u bhala kumpanija, naturalment huwa jrid jiehu is-safeguards kollha li ghandu fuq l-impjegati tieghu. Ikkonferma wkoll li l-manual li ffirmat il-konvenuta wkoll kien gie mibdul u Melljora Grech kienet regghet iffirmat ghalih kemm fis-sena 2005 kif ukoll fis-sena 2008. Huwa kien ha parir qabel ma ghamel il-kuntratt definit li juzaw ghal kull impjegat taghhom li jinkludi clause 7.5 bhala standard clause. Ikkonferma li huma kienu halsu lill-konvenuta ta' kollox u qatt ma' uzaw il-penali dovuta lilhom bhala xi forma ta' tnaqqis tal-flus dovuti lilha. Meta qara' l-ligi relevanti fehem b'dak li qal u hemm bzonn il-premess tad-dipartiment tax-xoghol meta tkun ser tnaqqas il-penali minn dak dovut lill-impjegat, haga li huwa ma ghamilx.*

***Mark Bugeja** rega' xehed in kontro-ezami nhar il-15 ta' Frar 2012 u mistoqsi ghaliex effettivament kienu dahlu l-klawsola 7.5 fil-kuntratt ta' Melljora Grech wiegeb li skond il-code of ethics ghandhom certu restrictions u certi riskji li jekk l-impjegati taghhom jmmorru jahdmu ma' klijenti taghhom stess, jista' jkollhom problema u ghalhekk jaghmlu dik il-klawsola bhala deterrent addizzjonali u dan sabiex impjegat ma' jmurx jahdem ma' klijent facilment. Qal li Melljora Grech effettivament marret tahdem ma' l-MFSA. L-MFSA kienet u ghadha klijenta taghhom. Bhala awdituri, l-MFSA jahdmu maghhom biss u huma l-appointed auditors tal-MFSA. Pero' jekk tqabbad xi awdituri ohra ghal xi servizzi ohrajn li hi jista' jkollha huwa ma jafx. Ghalihom l-MFSA hija klijent bhal kull klijent iehor, pero' mhux minnu dak li qed jghid l-avukat li l-MFSA tirregola lilhom. L-MFSA ma tidholx fix-xoghol taghhom. Spjega li Melljora Grech kienet tokkupa l-kariga ta' audit senior maghhom, kienet tahdem fuq xoghol li ghandu x'jaqsam ma' audit ta' diversi klijenti. Spjega li fl-istruttura taghhom, ghandhom l-isfel nett nies li jissejhu audit assistants u fuqhom ikun hemm audit senior, kif kienet il-konvenuta u mbaghad ikun hemm tnejn jew tliet saffi ta' managers u sussegwentement il-partner inkarigat mill-klijent. Ghandhom xi hamsa u hamsin impjegat maghhom. Huwa spjega li s-sistema taghhom hija forma ta' piramida, u Melljora mhix fil-parti ta' isfel, izda tigi piu' o meno fin-nofs. Ghalihom Melljora Grech qisha fin-nofs.*

*Dwar x'jifhem bil-kelma assurance client, huwa spjega li dan huwa klijent li huma jaghtuh servizz tax-xoghol, audit jew assurance iehor, per ezempju xi hadd jitlobhom servizz biex jaghtu opinjoni fuq xi haga pero'*

*ma tammontax ghal financial audit, per ezempju fuq IT System jew per ezempju opinjoni fuq forecast meta klijent ikun ser johrog xi bonds. L-MFSA pero' kienet financial audit u ghalhekk taqa' taht assurance plan. Assurance services jinkludi audit normali bhal ma' kien tal-MFSA u jista' jkun li jkun hemm klijenti ohrajn li jitolbu assurance services li ma tkunx financial audit. Fuq referenza ghal Dokument MB9, Bugeja kkonferma li dan huwa dokument mahrug mill-Grand Thornton International u jaddottawh ghad-ditta taghhom skond ir-regoli tal-Grand Thornton, li fih jirregola kif ghandhom josservaw l-etika meta jkunu qed jaghmlu ix-xoghol taghhom. Dan il-manual jispjega mill-bidu dak li ghandu x'jaqsam mal-code of ethics ta' Malta. Tenna li dan il-code of ethics jindirizza kemm il-problemi ta' Malta kif ukoll problemi ohrajn. Melljora Grech ma kellhiex key management position. Spjega li meta ghadda l-manual lil Melljora Grech kien wiehed shih. Ingassah a fol 48 b'referenza ghax-xhieda li ta meta xehed hemmhekk. Il-code of ethics taghmel distinzjoni bejn employee u key management position. Issa Melljora ma kellhiex key management position, pero' kienet employee u xorta kellha relazzjoni ma' assurance clients. Il-code of ethics pero' japplika ghat-tnejn kemm jekk persuna qieghda employee kif ukoll jekk ghandha key management position. Il-posizzjoni 8.145 li tinsab a fol 50 japplika ghal code of ethics ta' Malta. Mistoqsi minn hu l-key audit principal jghid li huwa t-top management tat-team, u key management position huwa persuna fl-istess kariga. The audit principal huma persuni li jkunu on a key position tal-audit, u key management jinkludi wkoll managers u partners ohra li m'humiex on that particular audit. Huwa ngassa dawn ghaliex ma jaghmlux referenza ghal konvenuta ghaliex hi qatt ma' kienet on a key management position. Il-konvenuta taqa' taht id-dispozzizjoni ta' 8.140 a fol 48. Il-code of ethics para 8.140 qed tipprovdi sitwazzjoni fejn il-kumpanija ma tistax tpoggiha f'sitwazzjoni fejn hija tibghat persuna biex taghmel audit ghand klijent u sussugwentament dak l-istess klijent jassorbi lil din l-employee taghhom, u dan ghaliex jista' jkun pregidikat. L-iskop huwa bhala additional deterrent illi l-impjegati taghhom ma jmorrux jahdmu mal-klijenti taghhom. U dan additional ghaliex bhala warrant holder huwa marbut bil-code of ethics. Ma gabx il-permess tad-Direttur tax-Xogholijiet meta dahhal il-klawsola 7.5 fil-kuntratt u dan ghaliex huwa qatt ma ghamel dan marbut mas-salarju tal-impjegat. Dan kien over and above is-salarju li kienu tawha. Qatt ma naqqsu parti mis-salarju taghha.*

***Melljora Grech*** *xehdet nhar it-23 ta' Novembru 2011 u kkonfermat li tahdem mal-MFSA u dan b'effett mis-27 ta' Awissu 2008. Qalet li kienet taf ukoll li l-MFSA kienet klijenta tas-socjeta' Grant Thornton. Murija l-kuntratt esebit mar-rikors promotur tenniet li fuq dan il-kuntratt hemm il-*

*firma taghha, u qalet ukoll li draft ta' dan il-kuntratt kien intbaghat lilha permezz ta' e-mail qabel ma effettivament iffirmatu. Ikkonfermat wkoll li l-kuntratt li effettivament iffirmat kien ezatt bhal dak li kien gie mighbut lilha bhala draft. Mistoqsija mill-avukat taghha jekk setghetx tbiddel xi klawsola minn dan il-kuntratt wiegbet li le ma setghetx. Giet mistoqsiji mill-Qorti ghaliex ma setghetx tbiddel xi klawsola wiegbet li ma talbithomx biex tbiddel xi klawsola pero' kienet tahseb li jekk titlobhom biex ibiddlulha xi kundizzjoni kienet tahseb li ma ssibx xoghol. Fil-fatt kienet tkellmet mal-avukat taghha u qallha biex tinnegozja l-kuntratt pero' hija ma riditx taghmel hekk ghaliex bezghet li ma jzommuhiex jekk turihom ix-xewqa li tbiddel xi klawsola.*

***George Camilleri** xehed fit-2 ta' Mejju 2012 u ddikjara li huwa jahdem bhala Manager fid-direttorat tas-sezzjoni tal-ispettorat mal-Industrial and Employment Relations. Huwa stqarr illi hu familjari ma' l-artikolu 19 tal-Employment and Relations Act. B'dan l-artikolu huma jfissru, li kull penali sabiex tigi nkluza f'kuntratt ta' xoghol hemm bzonn li a priori jkun hemm l-authorisation tad-Direttur tal-Industrial Relations. Hemm eccezzjoni wahda fis-sens li jekk hemm multi li huma dig'a miftehma permezz ta' collective agreement, dawk jigu ezentati fis-sens li ma' jkunx hemm bzonn tal-permess tad-Direttur tal-Industrial Relations.*

*In Kontro-ezami ix-xhud qal illi mhux minnu dak li gie ssugerit lilu mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici, fis-sens illi dan il-permess ghandu jintalab biss meta ser ikun hemm deduction direttament mis-salarji. Dan isir meta l-employer irid, ab inizio jara x'tip ta' amnessjonijiet ikun hemm fejn qed jintalab penali taghhom sabiex imbaghad id-direttur jaghmel il-konsiderazzjoni u jara jekk ghandux jaghti permess u din l-attenzjoni tingibed mill-impjegati stess u dan minghand l-employer pero' dejjem wara li jkun inghata permess mid-Direttur. Ir-raguni hija sabiex l-impjegat ikun jaf minn qabel li jekk ser jonqos minn xi haga ser jigi mmultat. Dan huwa l-obligu li huwa miktub fil-ligi, ghax gieli jkun hemm kazijiet fejn il-permess tad-Direttur jintalab wara li l-klijent ikun iffirma l-kuntratt. Meta jsir hekk, trid issir parti addenda mal-kuntratt. Ix-xhud spjega, illi nonostante l-employer ma jkunx naqqas il-penali minn xi deductions dovuti lill-impjegat, xorta wahda l-employer irid jitlob il-permess tad-Direttur tal-Employment Relations, sabiex idahhal klawsola sabiex ikun hemm il-penali indipendement jekk humiex ser jitnaqqsu mid-deductions jew le. Fejn hemm id-deductions hemm l-Artikolu 15 fil-ligi, li ma ghandiex x'taqsam mal-Artikolu 19. Jigifieri l-artikolu 19 ghandu jinqara b'mod indipendenti mill-Artikolu 15. Meta jkun hemm ksur ta' kodici ta' etika huma jqisuh bhala penali u xorta l-employer ghandu l-obbligu li*

*jakkwista a priori l-permess tad-Direttur tal-Industrial Employment Relations sabiex jinserixxi klawsola bhal din fil-kuntratt.*
*Semghet l-partijiet jittrattaw il-kaz fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Mejju 2012 fejn awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq l-interpretazzjoni li din il-Qorti ghandha taghti lill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet (Dok A a fol 2 et seq). Jirrizulta bla ebda tlaqliq li dan il-kuntratt gie ffirmat mill-kontendenti wara li l-istess attur nomine kien ghadda kopja tal-kuntratt lill-konvenuta zmien qabel ma sussegwentement iffirmatu. Dan il-fatt mhux kontestat.*

*Ghalhekk isegwi li una volta l-konvenuta kellha f'idejha kopja tal-kuntratt qabel ma ffirmatu, setghet marret u staqsiet ghal kwalsiasi parir, f'kaz li hija ma fehmitx xi klawsola hemm stipulata. Il-fatt li l-konvenuta m'ghamlitx dan ma jfissirx li l-kuntratt ma jikkostitwixxix vinkolu bejniethom u li t-tnejn li huma huma marbutin bih, fis-sens li huma marbutin bl-obbligazzjonijiet minnhom assunti fih.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines</u>**' deciza mill Qorti tal-Appell nhar il-5 t'Ottubru 1998 jinghad li:*

*"Il-Principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."*

*Minn dan kollu jsegwi li jekk il-partijiet jiffirmaw kuntratt b'diversi kundizzjonijiet u obbligi l-partijiet huma obbligati li jsegwuhom u dan ghaliex il-principju contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur jibqa' jsehh <u>sakemm</u> il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u lekwita' ghandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Dicembru 1947 **<u>Mercieca vs Pace</u>** Vol XX111 .1.pagna 603).*

*Illi kif inghad fis-sentenza "**<u>Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"</u>** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) l-principju 'contra criptum non est argumentum', jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali*

*skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li tirrizulta li saret f'din il-pendenza.*

*Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-Ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-**Artikolu 966 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti, liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-**Artikolu 1002** et sequitur tal-Kap 16.*

*Issa f'dan il-kaz jirrizulta li nhar l-ghoxrin ta' Dicembru 2004 (fol. 3 et seq) il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' impjieg fejn l-attur Mark Bugeja ghan-nom tas-socjeta' Grant Thornton impjega mieghu lill-konvenuta u dan fil-kwalita' taghha ta' Senior Accountant/Auditor ghall-perjodu definittiv ta' sentejn mit-3 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Dicembru 2006, u dan skont il-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Jidher ukoll li dan il-kuntratt kien gie ukoll imgedded ghaliex l-konvenuta baqghet tahdem mas-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' circa tlett snin u nofs u cioe' sat-23 ta' Lulju 2008 (skond Dok MB 4). L-attur nomine Mark Bugeja jispjega li meta kien ircieva l-ittra ta' resignation tal-konvenuta kien infurmaha li ma setghetx timpjega ruha ma klijent minn taghhom skond il-klawsola numru 7.5 tal-kuntratt minnha iffirmat.*

*Jidher li l-kontestazzjoni dwar il-kawza odjerna hija bazata fuq dak li hemm stipulat fil-**klawzola numru 7.5** li tipprovdi is-segwenti:*

*"The employee cannot take up employment for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the employee will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2,000)".*

*Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta itterminat unilaterlament l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici u impjegat ruhha ma' klijent tas-socjeta' attrici u cioe' mal-MFSA. Mark Bugeja jghid fix-xhieda tieghu li appena l-konvenuta spiccat l-impjieg taghha minn maghhom, hija bdiet tahdem mal-MFSA u kien kitbilha fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn talabha thallas il-penali msemmija fil-klawsola numru 7.5 fuq riferuta u f'Marzu 2009 il-konvenut wiegbitu skont ittra mibghuta fit-13 ta' Marzu 2009 mill-avukat difensur taghha Dr. Jesmond Manicaro esebita fl-atti a fol. 58 markata MB10 fejn stqarr li l-klawsola in kwistjoni hija nulla u bla effett.*

*Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tal-konvenuta ghamel referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti u sostna b'mod insistenti li l-klawsola ta' penali fuq imsemmija ma ghandha l-ebda effett peress li din ma gietx approvata minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol li kien mehtieg la darba din tmur kontra l-**Artikoli 26 u 38 tal-Kap. 135** u llum **Artikolu 19 tal-Kap. 452;***
*Min naha l-ohra l-avukat difensur tas-socjeta' attrici stqarret li ghandu jkun hemm l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol meta il-klawsola tal-penali tirreferi ghal xi tnaqqis diretta li issir fil-paga, bonuses jew allowances li jinghataw lill-impjegat fit-tmiem tal-impieg tiehu u mhux meta il-paga, allowance u l-bonus jinghata kollu u jkun hemm talba ghal hlas ta' penali separata.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' **George Camilleri,** Manager fid-direttorat tas-sezzjoni tal-ispettorat mal-Industrial and Employment Relations fejn stqarr li bl-**Artikolu 19 tal-Kap 452** huma jfissru, li kull penali sabiex tigi nkluza f'kuntratt ta' xoghol hemm bzonn li a priori jkun hemm l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Industrial Relations b'eccezzjoni wahda fis-sens li jekk hemm multi li huma diga miftehma permezz ta' collective agreement, dawk jigu ezentati minn tali awtorizazzjoni.*

*Ex admissis jispjega "illi nonostante, l-employer ma jkunx naqqas il-penali minn xi deductions dovuti lill-impjegat, xorta wahda l-employer irid jitlob il-permess tad-Direttur tal-Employment Relations, sabiex idahhal klawsola sabiex ikun hemm il-penali indipendentement jekk humiex ser jitnaqqsu mid-deductions jew le. Fejn hemm id-deductions hemm l-Artikolu 15 fil-Ligi, li ma ghandiex x'taqsam mal-artikolu 19. Jigifieri l-Artikolu 19 ghandu jinqara b'mod indipendenti mill-Artikolu 15."*

*L-avukat difensur sostniet li din il-Qorti m'ghandhiex taghti importanza lil dak li qal George Camilleri ghaliex dak li stqarr kienet biss opinjoni tieghu u bhala impjegat ma jispjegax il-ligi izda hija l-Qorti li ghandha taghti it-tifsira ta' din id-disposizjoni tal-ligi anomola hi kemm hi.*

*Illi pero' din hija l-istess interpretazzjoni li inghatat mill-Qorti fis-sentenza li inghatat ricentement mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri nhar id-9 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet '**Mark Bugeja et noe vs Geoffrey Camilleri'** fejn gie ritenut li:*

*"Illi ma hemm ebda dubju li fuq kuntratti ta' servizz jew tax-xoghol il-ligi specjali trid tigi osservata u dawn kienu regolati b'dak li jipprovdi l-*

***artikolu 19 tal-Kap 452*** *(qabel artikolu 26 tal-Kap. 135) u dwar dan ma hemm l-ebda dubju li fid-decizjoni “**<u>Attilio Cesareo et vs Anthony Cilia Pisani</u>** (P.A. (PS) – 31 ta’ Jannar 2003 A.C. – 3 ta’ Marzu 2006) tali klawsoli gew ikkunsidrati bhala li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta’ l-istess* ***artikolu 26 tal-Kap. 135*** *tant li inghad li f’dan ir-rigward il-ligi tissanzjona li l-pattijiet ta’ dan it-tip f’kuntratt tax-xoghol jkunu jridu jigu approvati minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol, u tali klawsola giet ikkunsidrata li tapplika mhux biss wara t-terminazzjoni tax-xoghol izda wkoll waqt li jkun applikabbli l-istess ftehim. Fuq kollox l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-istess decizjoni rriteniet li f’kull kuntratt l-****artikoli 987 u 990 tal-Kap. 16*** *japplikaw fis-sens li ma jistax ikun hemm kawza llecita u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Inghad li huwa f’dan il-kuntest li l-****artikolu 38 u 26 tal-Kap. 135*** *kellhom jigu applikati, b’dan li ma setghux jigu mposti kondizzjonijiet inqas favorevoli ghall-impjegat jekk mhux bl-awtorizzazzjoni mid-Direttur tax-Xoghol u dan kien japplika kemm ghall-multi imposti waqt id-dekorrenza tal-impjieg u kemm wara b’dan li l-kontraenti huma tenuti li josservaw l-istess, u dak li f’dan is-sens huwa kontra l-ligi gie ritenut li huwa kontra l-interess pubbliku, ghaliex ma sarx bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol, u ghalhekk null u bla efffett skond kif ritenut fis-sentenza “**<u>Paul Pisani vs Reuben Vella Bray</u>**” (P.A. – 5 ta’ Ottubru 1994) (ara wkoll “**<u>Brian Richard Andrews et vs Alfred Borg</u>**” (P.A. (NC) – 31 ta’ Ottubru 2003) u “**<u>Judith Lucchesi nomine vs Rita Sultana et</u>**” (A.C.-3 ta’ Dicembru 2004).*

*Illi la darba l-istess klawsola taqa’ fil-parametri tal-Ligi fuq citata u ghalhekk kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol sabiex tigi applikata, awtorizzazzjoni li ma gietx mitluba mill-attur nomine, dan irendi l-istess klawsola kontra l-Ligi ghaliex tali gew ritenuti li huma lleciti u kontra public policy u huma regoli li huma in restraint of trade li huma regolati specifikatament fil-Ligi u mhux permessibbli jekk mhux bl-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur responsabbli ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.*

***B’hekk din il-Qorti qeghda tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta b’dan illi tiddikjara li tali klawsola numru 7.5 fil-kuntratt fuq imsemmi tmur kontra public policy u konsegwentment hija illecita u m’ghandhiex ikollha validita’, u ghalhekk, peress li l-attur ibbaza l-kawza tieghu proprju fuq din il-klawsola, il-Qorti qeghda tichad it-talba attrici.***

***Illi minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”***

Illi aggravati b’dina id-decizjoni l-appellanti ressqu l-appell odjern fejn jilmentaw illi:

1. Illi l-Ewwel Qorti malament iddecidiet illi l-klawsola numru 7.5 tal-kuntratt ta’ impjieg iffirmat bejn id-ditta appellanti u l-appellat kienet tmur kontra il-provvedimenti ta’l-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ma kienx gie miksub il-kunsens preventiv tad-Direttur responsabbli ghall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u dan billi tali klawsola tista’ tiqies illi hija klawsola b’penali. Dan ghaliex il-klawsola 7.5 tal-kuntratt ma hijiex wahda b’kawza illegittima jew illecita izda hija riflessjoni ta’ dak li hemm stabbilit fil-Kodici ta’l-Etika mahrug mill-Accountancy Board.
2. It-tieni aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt illi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt ma hijiex waħda *in restraint of trade* u setgħet tiġi inkorporata fl-istess kuntratt u kwindi l-Ewwel Qorti erronjament strahet fuq dak deciz fis-sentenza Mark Bugeja vs Geoffrey Camilleri iccitata fl-istess decizjoni.

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi fl-20 ta’ Diċembru 2004, l-appellata Mellyora Grech kienet iffirmat kuntratt ta’ impjieg definittiv mad-ditta Grant Thornton. Fil-klawsola 7.5 ta’ dan l-imsemmi kuntratt gie hekk pattwit:

> ***“The employee cannot take up employment for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the Firm. In such case, the parties agree that the Employee will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm 2000)”***

L-intimata appellata irriżenjat mill-impjieg tagħha fit-23 ta’ Lulju 2008, u sussegwentament impjegat ruħha mal-*Malta Financial Services Authority* (l-MFSA), li huma klijenti tad-ditta Grant Thornton. Illi billi l-appellanti dehrilhom illi kienet avverat ruhha is-sitwazzjoni ikkontemplata fil-klawsola surriferita fittxew lill-appellata għal ħlas ta’ danni hemmhekk miftiehma.

Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti peress illi ghaddiet biex applikat dak dispost fl-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi sahqet illi sabiex tigi ikkuntrattata l-klawsola penali kien jenhtieg l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, awtorizzazzjoni li ma ġietx mitluba, u illi konsegwentament tirrendi l-klawsola 7.5 waħda illeċita u bla ebda validita.

Illi l-appellanti ghalhekk iressqu l-impunjattiva ghal dina d-decizjoni billi jishqu illi l-klawsola 7.5 fil-kuntratt tirrifletti dak li hemm miktub fil-Kodiċi tal-Etika maħruġ mill-*Accountancy Board*. Isostnu ukoll illi l-klawsola 7.5 tistipula danni prelikwidati, u mhux multi kif previsti fl-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452. Finalment jikkontendu illi l-klawsola ma kenitx waħda *in restraint of trade*. U għaldaqstant b’dan kollu premess l-appellanti dehrilhom illi l-artikolu 19 ma kellux japplikax ghal kaz in dizamina.

Illi l-**artikolu 19** tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula illi:

*“Sakemm ma jkunx preskritt xort’oħra fi ftehim kollettiv, meta :-*

*(a) il-pattijiet ta’ kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta’ dikjarazzjoni bil-miktub ffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7*

*jispeċfikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull egħmil jew ommissjoni, u*

*(b) il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur,*
*il-prinċpal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni.*

Din il-Qorti tosserva illi fid-decizjoni impunjata, l-Ewwel Qorti kienet straħet *in extenso* fuq is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet **Mark Bugeja et noe vs Geoffrey Camilleri** (deciza 29.03.2012) li kien jitratta kaz konsimili ghal dak in dizamina. F'dak il-gudizzju gie deciz illi klawsoli simili ghal dik in dizamina jaqghu fil-parametri tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 u għalhekk kien hemm bżonn l-awtorizzazzjoni preventiv tad-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali meta gie ritenut:- "***Illi ma hemm ebda dubju li fuq kuntratti ta' servizz jew tax-xoghol il-ligi specjali trid tigi osservata u dawn kienu regolati b'dak li jipprovdi l-artikolu 19 tal-Kap 452.***

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti strahet fuq dan l-insenjament fid-decizjoni taghha u ikkonkludiet illi gjaldarba din il-klawsola taqa taħt dak dispost fl-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 u kwindi ghall-istipulazzjoni ta'l-istess kien hemm bżonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur, liema awtorizazzjoni ma ġietx fil-fatt mitluba, kwindi l-istess mhijiex waħda permissibbli, tmur kontra l-ordni pubblika ghaliex meqjusa *in restraint of trade* u konsegwentament hija illecita u m'ghandhiex ikollha validita'.

Jingħad illi l-klawsola 7.5 fil-kuntratt tal-impjieg bejn il-partijiet fil-kawża odjerna hija ċara fis-sens illi l-appellata Mellyora Grech ma setgħetx, fit-

terminu ta’ sentejn mid-data ta’ terminazzjoni tal-impjieg tagħha, timpjega ruħha ma’ klijent tad-ditta appellanti. Ġara iżda, u dan huwa fatt inkontestat, illi hija impjegat ruħha qabel ma għaddew dawn is-sentejn mal-MFSA, li kienet klijent tad-ditta appellanti.

Din il-Qorti hija konxja mill-fatt illi l-appell interpost fil-kawza hawn fuq iccitata u li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghaliha fid-decizjoni impunjata giet trattata mill-gdid. Illi b’sentenza datata 28 ta’ Ġunju 2013, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ikkonkludiet illi kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi b’mod specifiku ghall-artikolu 19 tal-Kapitolu 452, u dan fit-termini ta’l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fis-sentenza “*in rescindente*” ġie deċiż illi l-artikolu 19 japplika għall-klawsoli f’kuntratt li jitrattaw dwar għemil jew ommissjonijiet u l-multi rispettivi għal tali għemil jew ommissjonijiet. Billi l-fatti tal-kaz kienu jitrattaw ħlas ta’ ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f’każ li l-impjegat jimpjega ruħu ma’ klijent tal-principal tieghu fi żmien stipulat wara terminazzjoni tal-impjieg, dawn gew ikkunsidrati li jikkostitwixxu danni pre likwidati u ghalhekk ma għandhomx jiġu ekwiparati ma’ multi. Għaldaqstant gie deciz illi l-Artikolu 19 ma japplikax u kwindi din il-konvenzjoni bejn il-partijiet ma kenitx tinneċessita l-kunsens tad-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

***“Issa l-imsemmi artikolu 19 jitkellem dwar meta l-kuntratt tal-impieg bil-miktub jispeċifika “bir-reqqa l-multa jew multi” li impjegat jista jinkorri ghal xi ghemil jew ommissjoni. L-istess artikolu jistipula li tali klawsola trid tigi approvata mid-Direttur tax-Xoghol sabiex l-istess klawsola tkun effettiva bejn il-firmatarji.”***

***Ghal din il-Qorti l-klawsola in kwestjoni ma tipprovdix “bir-reqqa” ghal “multa jew multi.” Il-frasi “bir-reqqa” timplika li l-klawsola in kwestjoni***

***ghandha tiddisponi dwar varji tipi ta' ghemil jew ommissjonijiet u tipprovdi ghal kull tip ta' ghemil jew ommissjoni, l-ammont tal-multa li ghandha tigi imposta. Dan mhux il-kaz tal-klawsola in kwestjoni li tipprovdi ghal hlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'kaz li r-ritrattat (l-impjegat) jimpjega ruhu ma klijent tar-ritrattandi wara li jkun gie terminat l-impjeg, fi zmien stipulat minn tali terminazjoni. Ghalhekk ma jidhirx li l-klawsola in kwestjoni tinkwadra ruhha fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 19. Inoltre hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li danni likwidati u miftiehma minn qabel m'ghandhomx jigu ekwiparati ma "multi" li huma imsemmija fl-artikolu tal-ligi in kwestjoni. Fil-kaz in ezami l-klawsola in kwestjoni tirreferi biss ghal "ghemil" wiehed cioe' jekk wara t-terminazzjoni tal-impjeg fi zmien determinat, r-ritrattat jimpjega ruhu ma klijenti tar-ritrattandi u tipprevedi l-hlas ta'ammont gia miftiehem bhala danni likwidati. Tali klawsola ma tistax titqies li b'xi mod tillimita lir-ritrattat fil-professjoni jew negozju tieghu. Din il-kondizzjoni, li giet accettata mill-impjegat (ritrattat), m'ghandhiex tigi kategorizzata bhala "inqas" jew "aktar" favorevoli ghal impjegat. Barra minn hekk is-sanzjoni preveduta bil-klawsola in kwestjoni lanqas ma ghandha titqies li hi "multa" ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap.452. Jirrizulta ghalhekk li l-istess artikolu 19 ma kellux jigu applikat ghal kaz in ezami u kwindi, fis-sentenza lamentata, l-ligi giet applikata hazin. Inoltre japplika hawnhekk il-principju bazilari tal-"pacta sunt servanda" u cioe' dak li jigi pattwit jorbot lill-partijiet."***

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, ma ghandha xejn x'izzid ma' dan ir-raġunament milhuq fis-sentenza iccitata u kwindi l-klawsola numru 7.5 tal-kuntratt ta' impjieg ma taqax taħt il-provedimenti tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta kif gie erronjament deciz mill-Ewwel Qorti.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti fir-rigward tal-inapplikabbilita tal-artikolu 19 għall-kawża odjerna. B'hekk jingħad illi l-kuntratt ta' impjieg ma kienx nieqes minn ebda element kostituttiv, speċifikament l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

Fir-rigward tat-**tieni** aggravju jingħad dan li ġej. F'dan l-aggravju is-soċjetà appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament irreteniet illi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt hija "*in restraint of trade*" u ghalhekk ghandha titqies illi hija illegittima'.

Illi id-decizjoni "in rescissorio" moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-13 ta' Frar 2014, fil-kawza surriferita, dahhlet *funditus* f'din il-kwistjoni fejn saret referenza ghas-sentenza **Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke**, (QK 31/07/1969) fejn kien ġie ritenut hekk

> *"there is no specific provision of codified law in Malta about clauses in restraint of trade as such, and jurisprudence or judicial precedent is not apparently abundant, but it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Section 1028 (illum Artikolu 985) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or contrary to morality, or to public policy, may not be the subject matter of a contract."*

Kif intqal mill-Qorti fil-kawza Attilio Vassallo Cesareo nomine vs Anthony Cilia Pisani, App Civ 03/03/2006:

***"Fil-qaghda attwali jidher li l-qofol tad-duttrina fuq din il-materja hi dik bazata fuq l-enuncjazzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fid-decizjoni tal-House of Lords fl-ismijiet "Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd" [1894], kif ukoll f'sentenzi posterjuri, jigifieri:-***

***"1. All restraints of trade, in the absence of justifying circumstances, are contrary to public policy and therefore void;***

***2. It is a question of law for the decision of the Court whether the special circumstances adduced do or do not justify the restraint; and if a restraint is not justified, the Court will, if necessary, take the point, since it relates to a matter of public policy, and the Court does not enforce agreements which are contrary to public policy;***

***3. A restraint can only be justified if it is reasonable (a) in the interests of the contracting parties, and (b) in the interests of the public;***

***4.The onus of showing that a restraint is reasonable between the parties rests upon the person alleging that it is so, that is to say, upon the covenantee. The onus of showing that, notwithstanding that a covenant is reasonable between the parties, it is nevertheless injurious to the public interest and therefore void, rests upon the party alleging it to be so, that is to say, usually upon the covenantor. But once the agreement is before the Court it is open to scrutiny in all its surrounding circumstances as a question of law." – Anson, op. cit. Pagni 335-336;***

***L-awtur Norman Selwyn, 'Law of Employment', 15th Edition, 2008, para. 19.24, ighid hekk: "There are four legitimate interests in respect of which the employer is entitled to limited protection, namely (a) trade secrets and confidential information, (b) existing customers and connections, (c) working for competitors, and (d) enticing existing employees". Kwindi jidher pacifiku illi l-linja gwida ta' kull kundizzjoni li timponi r-restrizzjoni lavorativa ta' impjegat huma r-ragonevolezza tal-kundizjoni f'sens ampju u l-iskop limitat fi spazju u zmien tar-restrizzjoni."***

Din il-Qorti tqis illi l-kondizzjoni fi klawsola 7.5 ma tistax titqies bħala waħda *in restraint of trade*. Anzi jingħad illi din kienet kondizzjoni raġonevoli u r-restrizzjoni kienet waħda għal żmien limitat biss. Jingħad illi tali kondizzjoni (illi sa żmien sentejn mit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha l-appellata ma taċċettax impjieg ieħor ma' klijenti tal-prinċipali li fi żmien sentejn qabel it-terminazzjoni kienu ġja klijenti tal-prinċipal) ġiet aċċettata mill-appellata volontarjament. B'hekk il-ksur ta' tali kondizzjoni għamilha responsabbli għal danni pre likwidati favur l-appellanti fis-somma ta' Lm2000. Jingħad illi l-kondizzjoni fi klawsola 7.5 tiskoraġixxi impjegat milli hekk kif jittermina l-impjieg tiegħu isib xogħol ma' klijent tal-prinċipal, liema klijent jista' ukoll ikun kompetitur. Din il-Qorti tifhem ir-raġuni wara din il-kondizzjoni għaliex dan ix-xenarju jista' jagħti lok għal riskju illi impjegat jagħti informazzjoni lill-principal il-gdid tiegħu dwar l-ditta li maghha huwa kien precedentement impjegat.

Finalment jingħad illi din il-Qorti ma tqisx il-kondizzjoni stipulata fi klawsola 7.5 bħala waħda irragonevoli, kapricjuza, jew generika li tirristringi kompletament il-kapacita lavorativa tal-konvenuta appellata. Ir-restrizzjoni hi biss fil-konfront ta' **klijenti** tas-socjeta attrici appellanti. Jingħad illi din il-klawsola ma tipprojbixxi lill-konvenuta appellata milli taħdem għal rasha, jew inkella ma' kompetituri. L-uniku projbizzjoni hija li ma taħdimx ma' klijenti tas-soċjetà appellanti.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-ammont ta' Lm2,000 f'danni prelikwidati fih innifsu hu ammont ta' danni li hu ta' deterrent biex impjegat ma jiksirx il-kundizzjoni ta' ghazla ta' principal. Pero mhux tali li jelimina ghal kollox il-liberta ta' xoghol tal-impjegat ma' min irid. Għaldaqstant jingħad illi il-*quantum* ta' danni pre likwidati akkordati għandu ukoll jitqies bħala wieħed ragonevoli. Fuq

kollox l-appellata liberalment accettat il-pattijiet kontrattwali stipulati fil-kuntratt ta'l-impjieg taghha ben konxja tar-riskju li kienet qed tidhol ghalih meta accettat ir-restrizzjoni fuqha imposta f'kaz illi hija taghzel li ittemm l-impjieg taghha mad-ditta appellanti. Restrizzjoni li d-ditta appellanti gustament imponiet u dana sabiex ma ikunx hemm riskju ta' tixrid ta' informazzjoni kunfidenzjali u telf ta' klijenti favur kompetituri fl-istess linja ta' xoghol.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-ghazla libera tal-konvenuta appellat li timpjega ruħha ma' klijent tal-ex principal tagħha marret direttament kontra l-kundizzjoni 7.5 tal-kuntratt ta' impjieg kif ampjament jirrizulta bhala fatt mill-provi prodotti u illi tali kundizzjoni ma tistax titqies inapplikabbli billi hi '*a fair and reasonable condition*' li l-partijiet ghogobhom jintrabtu biha fil-limiti ta' dak permissibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' ukoll it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanti stante illi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt ma hijiex waħda *in restraint of trade* u setgħet tiġi inkorporata fl-istess kuntratt. Ghal dawn il-motivi u billi l-appell principali qed jigi milqugh l-Qorti ma tarax illi ghandha tinoltra ruhha fl-appell incidentali imressaq mill-appellata billi dan huwa strettament marbut ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti, liema decizjoni qed tigi revokata.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li tichad l-appell incidentali, qieghda tilqa' l-appell prinċipali, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-20 ta' Ġunju 2012 u dan billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata appellata, tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tikkundanna lill-appellata thallas lill-appellanti s-somma ta' €4658.75, bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru mil-lum. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------